# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(2015/C 341/11)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 [1].

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MINURI

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [2]

**"WALDVIERTLER GRAUMOHN"**

**Nru tal-UE: AT-PDO-0217-01273 – 4.11.2014**

**DOP ( X ) IĠP ( ) STG ( )**

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Waldviertler Sonderkulturenverein
Oberwaltenreith 10
3533 Friedersbach
ÖSTERREICH

Tel. +43 28267443
Fax +43 28267443550
e-mail: naturstoffe@waldland.at

Dan il-grupp huwa l-grupp applikant oriġinali, li bidel ismu u li għandu interess leġittimu fil-korrezzjoni/fl-aġġornament tal-Ispeċifikazzjoni.

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

L-Awstrija

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

— ☐ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☐ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☒ Oħrajn [Bidla fl-isem tal-grupp applikant u tal-organu ta' spezzjoni, u emendi li jirriflettu din il-bidla]

4. **Tip ta' emenda/i**

— ☒ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li ma teħtieġ l-ebda emenda għad-Dokument Uniku ppubblikat

— ☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għandha tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li teħtieġ emenda għad-Dokument Uniku ppubblikat

(1) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.
(2) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

— ☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għandha tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti)

— ☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' STG irreġistrata li għandha tikkwalifika bħala minuri skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda/i**

L-Ispeċifikazzjoni (li tikkonsisti fis-sommarju u taqsima dwar il-parti materjali) marbuta mad-denominazzjoni protetta "Waldviertler Graumohn (DOP)" hija emendata kif ġej:

— *Sommarju:*

— Fl-intestatura 1, id-dettalji tad-dipartiment responsabbli fl-Istat Membru huma aġġornati kif ġej:

"Austrian Patent Office
Dresdner Strasse 87
1200 Wien
ÖSTERREICH

Tel. +43 1534240
Fax +43 153424535
Email: herkunftsangaben@patentamt.at"

— Fl-intestatura 2, l-isem u l-indirizz tal-grupp applikant huma emendati kif ġej:

"Waldviertel Speciality Crops Association (*Waldviertler Sonderkulturenverein*)
Oberwaltenreith 10
3533 Friedersbach
ÖSTERREICH

Tel. +43 28267443
Fax +43 28267443550
Email: naturstoffe@waldland.at
Kuntatt: Rudolf Marchart"

— Fl-intestatura 5(e) (Metodu ta' produzzjoni), is-sentenza:

"Għal din ir-raġuni, il-*Verein zur Förderung von Sonderkulturen* (l-Għaqda Awstrijaka għall-Promozzjoni tal-Għelejjel ta' Speċjalità) żviluppat tagħmir speċjali għall-ħsad tal-pepprin."

tinbidel bis-sentenza li ġejja:

"Għal din ir-raġuni, il-Waldviertel Speciality Crops Association (magħrufa qabel bħala l-Għaqda għall-Promozzjoni tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel, *Verein zur Förderung von Sonderkulturen im Waldviertel*) żviluppat tagħmir speċjali għall-ħsad tal-pepprin."

— L-intestatura 5(g) (Organu ta' spezzjoni) issa mibdula kif ġej:

"SGS Austria Controll-Co. GesmbH
Diefenbachgasse 35
1150 Wien
ÖSTERREICH

Tel. +43 15122567–0
Fax +43 15122567–9
e-mail: sgs.austria@sgs.com"

— Fl-intestatura 5(h) (Tikkettar), is-sentenza:

"Jista' jiġi kkummerċjalizzat direttament mill-bdiewa jew mill-impriża Waldland Betriebs- und Handels ges.m.b.H, A-3910 Edelhof."

tinbidel bis-sentenza li ġejja:

"Jista' jiġi kkummerċjalizzat direttament mill-bdiewa, jew inkella, għall-klijenti industrijali l-kbar, permezz tal-Waldland Naturstoffe GmbH, u, għall-konsumaturi, permezz tal-impriża sussidjarja Waldland Vermarktungs GmbH. Is-sede taż-żewġ impriżi huwa Oberwaltenreith 10, 3533 Friedersbach."

— *Parti materjali:*

— Fil-p. 1, l-intestaturi 1 u 2 jitħassru, ladarba jirrepetu sempliċement l-intestaturi 1 u 2 tas-sommarju.

— Fil-p. 6 u 8, ir-referenzi għall-"Għaqda għall-Promozzjoni tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel" jinbidlu ma':

"Għaqda tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel (magħrufa qabel bħala l-Għaqda għall-Promozzjoni tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel)"

— Fil-p. 9, l-ewwel sentenza tal-aħħar paragrafu:

"Qabel il-kultivazzjoni, il-produtturi (il-bdiewa) u l-Għaqda għall-Promozzjoni tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel jiffirmaw kuntratti ta' kultivazzjoni u provvista, li jiffurmaw il-bażi tal-produzzjoni ta' kwalità."

tinbidel bis-sentenza li ġejja:

"Qabel il-kultivazzjoni, il-produtturi (il-bdiewa) u Waldland Naturstoffe GmbH, li hija proprjetà tal-Għaqda tal-Għelejjel ta' Speċjalità fil-Waldviertel, jiffirmaw kuntratti ta' kultivazzjoni u provvista, li jiffurmaw il-bażi tal-produzzjoni ta' kwalità."

— Fil-p. 12, l-intestatura (g) Organi ta' spezzjoni titħassar, ladarba hija ripetizzjoni. L-ewwel paragrafu tal-intestatura (h):

"Il-bdiewa jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom direttament lill-konsumaturi aħħarija jew lill-bejjiegħa. Bosta furnara jixtru l-pepprin direttament mingħand il-bidwi. Il-klijenti l-kbar jirrikorru għand l-għaqda tal-Waldland, li hija ffornita mill-membri tal-għaqda li tippromwovi l-għelejjel ta' speċjalità."

jinbidel b'li ġej:

"Jista' jiġi kkummerċjalizzat direttament mill-bdiewa, jew inkella, għall-klijenti industrijali l-kbar, permezz tal-Waldland Naturstoffe GmbH, u, għall-konsumaturi, permezz tal-impriża sussidjarja Waldland Vermarktungs GmbH. Is-sede taż-żewġ impriżi huwa Oberwaltenreith 10, 3533 Friedersbach."

*Raġunijiet*

L-isem u l-istruttura organizzattiva tal-grupp applikant inbidlu mindu l-isem irċieva protezzjoni, u ġew aġġornati sabiex tiġi evitata l-konfużjoni fis-sommarju u fil-parti materjali. L-impriżi msemmmija tal-"Waldland" huma proprjetà tal-grupp applikant.

Il-bidla fl-organu ta' spezzjoni tirrifletti l-emendi li saru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri, qlib minn spezzjonijiet pubbliċi min-naħa tal-Gvernatur Provinċjali għal spezzjonijiet minn organi ta' spezzjoni privati awtorizzati.

6. **Speċifikazzjoni tal-prodott aġġornata (għal DOP u IĠP biss)**

It-test sħiħ tal-Ispeċifikazzjoni jinsab fl-indirizz:

http://www.patentamt.at/Media/WaldviertlerGraumohn.pdf

jista' jiġi aċċessat ukoll direttament mis-sit web tal-Uffiċċju tal-Privattivi tal-Awstrija (www.patentamt.at) billi wieħed jikklikkja: "Markenschutz/Schutzrechte/Herkunftsangabe". It-test jidher taħt l-isem tad-denominazzjoni ta' kwalità.